

# Mostin u Żwieten… eżempji ħajjin ta' laqgħat kulturali bejniethom



Minn Dr Sergio GRECH Ph.D.

Fis-snin li għaddew grazzi għall-editur ta' dan l-annwal, Frans Deguara, kelli l-opportunità li nikteb dwar Mostin u l-istorja tagħhom mingħajr ma twelidt il-Mosta jew noqgħod il-Mosta. Imma f'żogħżiti kont niġi spiss il-Mosta minħabba li meta kont fl-Għaqda Letterarja Maltija konna nużaw ir-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone li jmexxi b'għaqal u intelliġenza s-Sur Joe Bartolo, fejn konna nagħmlu laqgħat letterarji għall-membri u għal dawk kollha li xtaqu jattendu u jaqsmu ma' dawk preżenti l-kitbiet tagħhom. Dan minbarra li mhux darba jew tnejn attendejt u għadni nattendi għal tnedijiet ta' kotba li saru għand l-Għaqda Filantropika Talent Mosti. Dik il-bitħa bla dubju kien fiha ċertu seħer dawk iż-żminijiet.

F'dawn il-kitbiet tiegħi rriċerkajt u ktibt dwar Arthur Barbaro-Sant u ħidmietu politiċi.[1] Fittixt is-segwaċi tal-Partit ta' Herbert Ganado fil-Mosta minn sorsi tal-istess istituzzjoni.[2] Dħalt fil-fond fil-ħajja tal-Ispiżjar Paul Cuschieri[3] (Is-Sur Pawl) u din id-darba fittixt li nikteb dwar Żwieten li taw kontribut fil-Mosta jew Mostin li ħadmu fir-raħal taż-Żejtun, raħal twelidi. Qabli, dwar dan is-suġġett kien kiteb Żejtuni ieħor, Frans Zahra.[4] Persważ li din il-lista tista' tkun itwal u jaf kien hemm persuni oħrajn li jistgħu jaqgħu f'din il-kategorija. Dawn il-personalitajiet li se nirreferi għalihom jien kienu attivi fl-edukazzjoni, il-bini, l-arkitettura, l-arti u l-knisja.



*Il-Mosti E.B. Vella (1898-1946, hawn jidher fl-1918), kien Kap tal-iskola primarja taż-Żejtun, kif ukoll kiteb l-istorja kemm tal-Mosta kif ukoll taż-Żejtun.*

**L-Edukatur E.B. Vella**

Il-Mosti E.B. Vella (1898-1946), li ħoloq is-sensiela letterarja *Ġabra ta' Ward* għall-iskejjel tal-primarja,[5] kien Kap tal-Iskola Primarja taż-Żejtun. Dik fiċ-ċokon tagħha u minkejja kull argument li jsir illum għax tibda billi tagħti ġieħ lill-monarkija Ingliża,[6] kienet proġett kbir u importanti ideata għat-tfal u miktuba minn xi ħadd li kien fid-dinja tat-tfal u mhux sajjem minn dik l-esperjenza. Inkitbet u nġabret, fuq kollox, għall-ħtiġijiet tat-tfal Maltin. Il-*Ġabra ta' Ward*, u din rari tissemma, daħlet f'dinja tematika fejn jitqanqlu bosta xkafef ta' għerf u ġeneri letterarji. Mhux hekk biss, imma Vella kiteb ukoll l-istorja taż-Żejtun. Interessanti wieħed josserva li Vella kiteb l-istorja ta' dawk il-lokalitajiet fejn hu kien surmast tal-iskejjel. Il-ktieb dwar iż-Żejtun, li nkluda wkoll lil Marsaxlokk, deher fl-1927.[7] Is-sena li għaddiet Wirt iż-Żejtun ħarġet edizzjoni facsimile tal-ktieb.[8] Vella jibda jwaqqa' l-leġġendi u l-ħolm fejn tidħol il-kitba storika. Ma għandniex xi ngħidu li hemm qabża kbira bejn dak li kiteb Vella u dak li qed jinkiteb fi żmienna. Imma żgur li Vella sabuh utli min ried jibda jimraħ fl-istorja ta' raħlu. Vella inċidentalment kiteb ukoll l-istorja tal-Mosta u l-inħawi tagħha.[9] Fil-Mosta sar ukoll monument li jfakkar il-memorja tiegħu.

**L-Edukatriċi Anna Mangion**

Il-Mostija Anna Mangion (miżżewġa Lewis), twieldet fis-26 ta' Lulju, 1950, li kienet waqqfet id-dar tal-kotba North Star Publications, kienet tgħallem l-Istudju Soċjali fl-iskola sekondarja taż-Żejtun. Fost il-kotba tagħha ta' min isemmi *Il-Misteru tal-Għar,*[10] *Il-Misteru ta' Wied il-Għasel,*[11] *Il-Misteru ta' Selmun*[12] u *Il-Misteru tal-Kampnar.*[13] Fost il-kotba ta' North Star kien hemm ukoll it-tliet kotba tal-grammatika *Kelmet Ommi* miktuba minn Dun Karm Zammit, li kienu jintużaw bħala text book fl-iskola sekondarja tas-Seminarju ta' Malta.[14] Wara bdew jintużaw fi skejjel oħra. Mangion ippubblikat kemm għal rasha kif ukoll mal-Klabb Kotba Maltin li kien waqqaf Pawlu Mizzi fis-snin sebgħin tas-seklu XX. Għallmet ukoll f'żewġ skejjel Ingliżi fl-Ingilterra. Fl-1975 kitbet rumanz għall-adulti *Meta tmut l-Imħabba.*[15] Kitbet ukoll kanzunetti għal uliedha Stephanie u Maria. Micheline Vella fis-




*Il-qoxra tal-ktieb 'Il-Misteru ta' Wied il-Għasel' tal-awtriċi Mostija Anna Mangion (Lewis) (1950- ), li kienet tgħallem ukoll fl-iskola sekondarja taż-Żejtun.*



*Mastru Anġlu Gatt (1796-1875), Żejtuni, kien responsabbli mill-bini tar-Rotunda tal-Mosta bejn l-1833 u l-1860, fuq il-pjanta ta' Grognet.*

sena 2004 ippreżentat teżi fil-Fakultà tal-Edukazzjoni li fiha fost l-oħrajn analizzat il-kitba ta' Mangion.[16] Mangion kienet ippubblikat kotba bikrin ta' Charles Casha għat-tfal.

### Il-Kapumastru Anġlu Gatt

Anġlu Gatt, li kien responsabbli għall-bini tal-knisja tal-Mosta, illum Bażilika, fuq il-pjanta ta' George Grognet de Vassè. Huwa twieled iż-Żejtun fit-12 ta' Diċembru, 1796. Iżżewweġ Mostija u miet il-Mosta fit-12 ta' Novembru, 1875, u ndifen fir-Rotunda stess. Kemm il-Mosta kif ukoll iż-Żejtun hemm triq imsemmija għalih. Fuq Anġlu Gatt ħadem f'ċertu dettall Francis Galea,[17] Mosti li jgħix iż-Żejtun, awtur ta' proża u poeżija, riċerkatur tal-Istorja tal-Partit Laburista u eks editur tal-paġna letterarja ta' *It-Torċa*. Skont Galea, "il-koppla (tal-Bażilika) … mhix mistrieħa jew mirfuda minn kolonni, iżda billi ħadem rabat u qabbad kull filata ma' ta' taħtha."[18] Hemm spikkat is-sengħa ta' Gatt.

### Il-Pittur Ġużeppi Maria Caruana

Il-pittur Żejtuni Ġużeppi Maria Caruana pinġa lil San Mikiel għall-Bażilika tal-Mosta. Skont Frans Zahra, il-Mostin użaw is-servizzi ta' Caruana wara li raw il-kwadru tal-Arkanġlu San Mikiel li Caruana kien pitter għar-raħal Għawdxi tal-Munxar.[19] Barra l-kwadru ta' San Mikiel, Caruana pinġa wkoll il-Viżitazzjoni tal-Verġni Imbierka għall-knisja tal-Viżitazzjoni, magħrufa bħala Ta' Wejda fil-Mosta.[20] Ġużeppi Caruana twieled iż-Żejtun fl-24 ta' Diċembru, 1899. Tħarreġ fl-arti taħt Ġużepp Duca u Lazzaro Pisani, u kompla l-istudji tiegħu fl-Accademia di Bella Arti f'Ruma. Xogħlijiet tiegħu jinsabu fost l-oħrajn fil-knejjes parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar, is-Siġġiewi, in-Naxxar, il-Munxar, il-Fgura, Ħal Għaxaq u Marsaxlokk, minbarra għadd kbir ta' xogħlijiet f'kollezzjonijiet privati. Caruana miet fl-14 t'April, 1964.

Fl-2022, in-neputi tal-pittur Trevor Żahra ppubblika ktieb bix-xogħlijiet tiegħu li kif semmejna għandu mxerdin f'diversi knejjes u f'kollezzjonijiet privati.[21] Il-fotografija tal-ktieb ħa ħsiebha Daniel Cilia. Caruana kien jgħallem l-arti fl-iskola primarja taż-Żejtun fost skejjel oħra. Caruana għandu wkoll kwadru fil-knisja tal-Viżitazzjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija f'Fairview Strand, Farview, Dublin, l-Irlanda. Il-knisja hija f'idejn il-Franġiskani Konventwali. Il-kwadru juri lil Kristu bħala r-Ragħaj it-Tajjeb u l-kruċifissjoni fl-isfond.[22] Trevor Żahra jsemmi li mhux darba jew tnejn hu flimkien ma' familjari tiegħu servew ta' mudelli għax-xogħlijiet tiegħu.

Is-sena li għaddiet jien kont sibt ittra mingħand regettier b'rabta ma' dan il-kwadru fl-Irlanda.[23] Din hija ittra li aktarx il-kappillan tal-komunità msemmija, kien bagħat fis-26 ta' Settembru, 1949, lil ċertu Sur Felice fejn kien qed jifraħ miegħu għall-akkwist li l-knisja tiegħu kienet għamlet b'dan il-kwadru. Hemm provi li juru li dan Felice li rċieva l-ittra kien Arturu, iz-ziju tar-rispett ta' Walter Zahra (ħaten Caruana u missier Trevor), li kien joqgħod Ħaż-Żabbar.

Ma ninsewx ukoll li l-aħħar żmien ta' ħajtu Caruana kien għaddieh mal-familja Zahra peress li kemm hu u kemm martu kienu morda sew. Fl-ittra tiegħu, il-kittieb



*Il-Fotografu Daniel Cilia mal-awtur Trevor Zahra, neputi tal-pittur Żejtuni Ġużeppi Maria Caruana (1899-1964) li nsibu xogħol tiegħu fil-Bażilika tal-Mosta kif ukoll fil-kappella Ta' Wejda.*

kiteb lil Felice li *"our picture is in its place at last and apart from the merit of the picture in itself it is also wonderful to the environment of the church …The people are all talking about it, and I consider myself very lucky in getting in touch with your friend in Malta. In my opinion, we have nobody here who could do it so well."*[24]

**L-Arċipriet Dun Paċikk Mifsud**

Il-Mosti Dun Paċikk Mifsud kien it-tielet Arċipriet taż-Żejtun. Dan it-titlu beda jingħata fl-1888 għax iż-Żejtun kien ilu mijiet ta' snin parroċċa u magħruf bħala l-art ta' Santa Katerina. Mifsud kien il-mexxej spirtwali taż-Żejtun bejn l-1932 u l-1947. Fi żmienu, il-knisja parrokkjali bdiet tiġi mpittra.[25] Il-Kanonku Joe Abela jżid li Mifsud "*kellu ħafna għal qalbu t-tagħlim tad-Duttrina Nisranija*".[26] Fl-1947, Mifsud ġie nnominat Monsinjur tal-Kattidral u spiċċa minn arċipriet.



*Il-knisja taż-Żejtun inbniet bejn l-1692 u l-1778, meta l-Mosti Dun Paċikk Mifsud kien it-tielet Arċipriet taż-Żejtun bejn l-1932 u l-1947.*

**L-Arċipriet Dun Joe Carabott**

Dun Joe Carabott, li kien Arċipriet tal-Mosta bejn l-1981 u l-2003, twieled iż-Żejtun fl-1936. Il-familja tiegħu hija magħrufa bil-laqam 'tal-Pastaż'. Carabott ġie ordnat saċerdot fl-1962 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi u f'inqas minn sentejn wara nħatar Kappillan tal-Parroċċa ta' Wied il-Għajn fejn baqa' sal-1976. Fl-istess sena, Dun Joe Carabott inħatar Arċipriet tal-Parroċċa tas-Siġġiewi u wara l-Mosta fejn qatta' xejn inqas minn 22 sena fil-kariga. Frans Zahra jsemmi li Carabott fil-festa tal-15 t'Awwissu, 1977, meta kien Arċipriet tas-Siġġiewi, kien għamel il-paniġierku fil-knisja tal-Mosta.[27] Il-quddiesa kienet tqaddset mill-Arċisqof Emeritu Mikiel Gonzi li kien spiċċa mit-tmexxija tal-veskovat ftit xhur qabel.

F'apprezzament li deher f'*Newsbook*, fit-8 t'April, 2022, inkiteb li fil-Mosta, Dun Joe Carabott "ħa ħsieb ir-restawr tal-knisja (parrokkjali), l-induratura mill-ġdid tal-vara ta' Santa Marija u anke ra t-twaqqif taz-zoni pastorali li twaqqfu fil-Mosta biex jaqdu aħjar



*Iż-Żejtuni Dun Joe Carabott (1936-2022) kien Arċipriet tal-Mosta bejn l-1981 u l-2003. Hawn jidher ipoġġi l-aħħar kewkba tal-istellarju mat-Titular tal-Assunta fl-2000.*

il-bżonnijiet spiritwali tan-nies li joqogħdu fin-naħat ta' barra tagħha. Fi żmienu wkoll, fl-2000, il-kwadru titulari tal-Assunta ġie mżejjen bi stellarju tad-deheb fl-okkażjoni tal-25 sena mill-Inkurunazzjoni tiegħu. Huwa ġie maħtur Monsinjur tal-Katidral fl-2003 u f'dik is-sena ingħata Ġieħ il-Mosta mill-Kunsill Lokali".[28] Huwa kien maħbub ħafna mill-Mostin tant li wara li spiċċa minn Arċipriet baqa' jgħix il-Mosta fi Triq il-Kungress Ewkaristiku.

L-aħħar xhur ta' ħajtu qattagħhom id-Dar tal-Kleru fi Fleur-de-Lys. Meta kien f'saħħtu Mons. Carabott ma naqasx li jkun mistieden iż-Żejtun biex iqaddes il-quddiesa tal-festa jew filgħaxija jmexxi l-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Katerina.[29]

**Il-Viċi Arċipriet Dun Roderick Baldacchino**

Il-Viċi Arċipriet tal-Mosta fil-preżent huwa Dun Roderick Baldacchino, li hu miż-Żejtun. Baldacchino



*Dun Roderick Baldacchino (1995- ) ġie ordnat saċerdot fit-8 ta' Mejju, 2020. Hawn jidher ma' Papa Franġisku fil-Vatikan f'Mejju tal-2018.*

ġie ordnat saċerdot fit-8 ta' Mejju, 2020, mill-Arċisqof Charles Jude Scicluna, flimkien ma' Żejtuni ieħor, Dun Jean Claude Schembri, li ntbagħat iservi fil-parroċċa tas-Siġġiewi. Mill-parroċċa taż-Żejtun kien ilu għoxrin sena ma joħroġ saċerdot qabel dawn iż-żewġ żgħażagħ ġew ordnati saċerdoti. Ħafna Mostin illum ifaħħru ħafna l-ħidma ta' Dun Roderick. Tant li bis-saħħa tiegħu, il-Bażilika tal-Mosta reġgħet għandha truppa mdaqqsa ta' abbatini li jaqdu l-artal.

### L-Iskultur Salvatore Dimech

Salvatore Dimech kien għamel l-istatwa ta' San Girgor li hemm fiż-Żejtun fil-misraħ ta' quddiem il-knisja ta' Santa Katerina, il-knisja parrokkjali l-qadima, li biswitha hemm iċ-ċimiterju.[30] Dimech, li kien Mosti Twieled fl-1806 u miet fil-għomor ta' 82. Ħasra li din l-istatwa kienet ġiet vandalizzata. Skont l-istudjuż tal-arti, Dr Mark Sagona, l-istatwa nħadmet f'50 ġurnata u f'dal-każ, "*Salvatore produced to Hyzler's invention one of the most iconic manifestations of the Nazarene ideals in sculpture*."[31] Minħabba dik l-istatwa, ħafna nies jirreferu għall-knisja bħala ta' San Girgor meta filfatt it-titular huwa ta' Santa Katerina. Dimech, li kien magħruf bħala 'Is-Sartx', kien ħadem ukoll l-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Mosta (li mbagħad fl-1948 ġiet modifikata minn Ċensu Apap).



*L-istatwa ta' San Girgor li nsibu fiż-Żejtun kien ħadimha l-iskultur Mosti Salvatore Dimech Is-Sartx (1806-1888), li ħadem ukoll l-istatwa titulari ta' Santa Marija tal-Mosta fl-1868.*

### L-Arġentier Tarċisju Cassar

Tarċisju Cassar, arġentier ta' ħila Żejtuni, kien għamel diversi xogħlijiet ta' arġenterija għall-Bażilika tal-Mosta. Cassar kien għamel sitt lampieri tal-fidda li jitqiegħdu tlieta kull naħa tal-kwadru titulari tal-Assunta. Il-lampieri kienu żżanżnu fl-1975 meta fil-Mosta saru l-festi tal-Inkunurazzjoni.[32] Cassar kien għamel ukoll lampier tal-fidda li jiddendel f'nofs il-knisja quddiem l-artal maġġur li jintuża fil-festa.[33] Ta' Cassar hu wkoll lampier ta' kuljum li fil-festa jitqiegħed fil-kor, ventartal tal-fidda għall-artal tal-kappellun tar-Rużarju u kesa bil-fidda l-kapsula l-artal tar-Repożizzjoni.[34]



*L-arġentier Żejtuni Tarċisju Cassar (li miet f'Marzu 2014) għall-Bażilika tal-Mosta ħadem is-6 lampieri ta' quddiem it-Titular tal-Assunta fl-1975 u l-lampier f'nofs il-knisja.*

### Konklużjoni

Din is-sena l-artiklu tiegħi ma żammx mat-tradizzjoni tas-snin ta' qabel. Flok ħdimt fuq persunaġġ Mosti, ippruvajt infittex fili jew eżempji ta' skambji kreattivi bejn żewġ irħula: il-Mosta u ż-Żejtun. Hu sabiħ li f'pajjiż żgħir bħal tagħna għandna tant talenti sinjuri li bosta drabi ma napprezzawhomx.

### Referenzi


1 Sergio Grech, 'Sehem Arthur Barbaro-Sant fil-Partit Demokratiku Nazzjonalista (PDN) tal-Avukat Herbert Ganado', Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, 2018.

2 Sergio Grech, 'Mostin Tesserati fil-Partit Demokratiku Nazzjonalista', Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, 2019.

3 Sergio Grech, 'Paul Cuschieri (1912-1992) jew aħjar 'Is-Sur Pawl: Spiżjar maħbub fil-Mosta u fl-Irħula tal-Madwar', Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, 2021.

4 Frans Zahra, 'Rabta bejn Żwieten u Mostin – Sena mill-Bidu tal-Ħidma tal-Arċipriet J. Carabott', *Il-Mosta,* Settembru – Ottubru 1982, f'https://mostaarchives.smashyouagainstthewall.com/RabtaZwietenMostin.html, Misjuba 16 t'April, 2023.

5 Sergio Grech, 'Il-Ġabra ta' Ward: Waqt eċitanti fl-Istorja tal-Ktieb Malti u l-Iskejjel', *Leħen il-Banda Lourdes*, Qrendi, Festa 2010, 155-156.

6 Charles Xuereb, *Decolonising the Maltese Mind: In Search of Identity (*Malta, Midsea Books, 2023), 114.

7 E.B. Vella, *Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk* (Malta, Empire Press, 1927).

8 E.B. Vella, *Storja taż-Żejtun u Marsaxlokk* (Malta, Wirt iż-Żejtun, 2022).

9 E.B. Vella, *Storja tal-Mosta bil-Knisja* Tagħha (Mosta, 1930).

10 Anna Mangion, *Il-Misteru tal-Għar* (Malta, Lux Press, 1982).

11 Anna Mangion, *Il-Misteru ta' Wied il-Għasel* (Malta, Klabb Kotba Maltin, 1981).

[12] Anna Mangion, *Il-Misteru ta' Selmun* (Malta, Klabb Kotba Maltin, 1975).

[13] Anna Mangion, *Il-Misteru tal-Kampnar* (Malta, Pubblikazzjoni North Star, 1979).

[14] Karm Zammit, *Kelmet Ommi* (Malta, North Star Publications).

[15] Anna Mangion, *Meta Tmut l-Imħabba* (Malta, Klabb Kotba Maltin, 1975).

[16] Micheline Vella, *Ir-Rumanzi ta' Avventura għat-Tfal* (Malta, B.Ed., Università ta' Malta, 2004).

[17] Francis Galea, 'L-Imgħallem Anġlu Gatt (1796-1875)', Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, 2001.

[18] Ibid., 53.

[19] Frans Zahra, *op.cit*.

[20] Trevor Żahra, *Ġużeppi Maria Caruana 1899-1964* (Malta, L-Awtur, 2022), 147.

[21] Trevor Żahra, *Ġużeppi Maria Caruana 1899-1964* (Malta, L-Awtur, 2022).

[22] Ibid., 104.

[23] Kopja tal-ittra għand l-awtur.

[24] Ibid.

[25] Frans Zahra, *op.cit*., u Joe Abela, *Il-Parroċċa taż-Żejtun tul iż-Żminijiet* (Malta, Klabb Kotba Maltin, 2006), 230.

[26] Trevor Żahra, *Ġużeppi Maria Caruana 1899-1964* (Malta, L-Awtur, 2022), 230.

[27] Frans Zahra, *op.cit*.

[28] 'Imut Monsinjur Joe Carabott', *Newsbook*, misjuba 7 t'April, 2022, https://newsbook.com.mt/imut-mons-dun-joe-carabott-serva-bhala-arcipriet-fil-mosta-bejn-l-1981-u-l-2003/.

[29] Dwar Carabott ara Sergio Grech, 'Fuq l-Għetiebi tal-Konċilju Vatikan II, il-Knisja tas-Sittinijiet f'Malta: Ħsibijiet Monsinjur Joe Carabott,' *Annwal Festa Santa Marija*, Mosta, 2022, Soċjetà Filarmonika Santa Marija, 102.

[30] L.J. Dalli, 'L-Iskultur Mosti Salvatore Dimech', *Festa Santa Marija, Mosta*, 2000, Soċjetà Filarmonika Santa Marija, 86.

[31] Mark Sagona, 'The artistic Context for Salvatore Dimech's Annunciation of the Virgin at Ħal Balzan Parish Church: A critical and analytical Study, f'C. Bezzina (Ed.), *Il-Vara Titulari tal-Lunzjata ta' Ħal Balzan 1869-2019*, (Malta, Parroċċa Marija Annunzjata Ħal Balzan, 1975), 75.

[32] Frans Zahra, *op.cit*.

[33] Ibid.

[34] Ibid.

